Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Numru 488/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca u**
**Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alexander Anthony Gialanze Whiteford ta’ 22 sena iben Alexander

Frame u Carmen nee' Gialanze, mwieled l-Ingilterra fid-29 ta' Novembru 1982, u bla indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44501L gie akkuzat talli fit-30 ta'Mejju, 2005, ghal-habta tal-11.00a.m., u/jew fix xhur ta'qabel, w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'Santa Venera:

1. ikkometta serq ta'diversi oggetti, fosthom ghamara, aperturi w appliances tad-dar, mill-fond numru 89, Triq Brighella, Santa Venera, ghad-dannu ta' ommu, Carmen Whiteford, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin; bil-persuna u bil-lok;

2. hedded lil ommu, Carmen Whiteford, bil-fomm taht ordni u/jew kondizzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9;
3. fl-istess fond, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli w/jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin ghad-dannu ta'ommu (Art.325(1)(a) tal-Kap.9);

4. ighix hajja ta'ghazz u ta'vagabundagg;

5. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, setgha fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, jew sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'intreprizi foloz, jew ta'hila, setgha fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta'haddiehor;

6. irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta'Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma setawx jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’Rinviju tieghu datata 7 ta’Marzu, 2006 liema Nota tinsab a fol.125 tal-Process u nnutat li l-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca u Dr Jose’ Herrera ghall-imputat, inkwantu ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat stante li l-parte civile Carmen Whiteford li tigi omm l-imputat, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, u stante li rigward din l-akkuza japplika dak previst fl-artikolu 323 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta iddikjaraw li jaqblu li rigward din l-akkuza jissusisti procediment ezawrit stante rinunzja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur Joseph Mercieca, nkwantu ghall-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta li jirrigwarda ricettazzjoni moghti mill-Avukat Generali bhala wiehed mill-artikolu moghtija permezz tan-Nota tieghu ta’Rinviju datata 7 ta’Marzu, 2006, iddikjara li dan l-artikolu inghata bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu kunjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza moghtija a tenur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford liema akkuza

tirrigwarda serq aggravat, fid-dawl ta'dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca u Dr. Jose' Herrera ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-ewwel akkuza, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti deposizzjoni ta'Carmen Whiteford moghtija fis-Seduta tad-19 ta'Dicembru, 2005: "Nghid illi jien nigi omm l-imputat u jien nixtieq f'dan l-istadju nirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u niddikjara wkoll li jien qed nahfer lill-ibni dwar l-akkadut." Ghaldaqstant il-Qorti fid-dawl ta'tali rinunzja da parti ta'Carmen Whiteford u tenut kont dak previst fl-artikolu 332 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta tiddikjara li tigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford jirrizulta procediment esaurit stante Rinunzja.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 249(2), 308, 309, 310, 325(1)(a), 338(w), 31, 17(b), 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford tiddikjara procediment esaurit stante Rinunzja.

Rigward l-akkuza ta'ricettazzjoni inkwadrata fl-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta moghtija fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, fid-dawl ta'dak idkjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din l-akkuza ta'ricettazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza ta'ricetazzjoni stante li din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat.

Rigward l-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra l-imsemmi imputat issib lill-istess imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford, fuq ammissjoni, hati ta' dawn l-akkuzi u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford ghall-piena komplessiva ta'tmintax (18) il-xahar prigunerija

u erba’ mija u hamsa u sittin Ewro u seba’ u tmenin centezmi (Ewr. 465.87) multa ekwivalenti ghall-mitejn Liri Maltin (Lm200).

Inoltre a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta tordna lill-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’tlett mija u sitt Ewro u wiehed u erbghin centezmi (Ewr. 306.41) ekwivalenti ghall-mija u wiehed u tletin Liri Maltin u erba’ u hamsin centezmi (Lm131.54) rappresentanti spejjes inkorsi rigward in-nomina ta’esperti mahtura fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’din il-kawza bhala Dok RB1.

Rigward it-talba maghmula mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta’ Marzu, 2006 a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta li fiha l-Avukat Generali baghat l-artikoli, peress illi mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li hemm oggetti esebiti soggetti ghall-konfiska, ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’din it-talba.

Finalment, il-Qorti, bl-applikazjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta, torbot lill-imputat Alexander Anthony Gialanze Whiteford b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba’ u disghin centezmi (Ewr. 232.94) ekwivalenti ghall- mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ Carmen Whiteford ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------